**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 137**
**L-Erbgħa, 21 ta' Ġunju, 2023 fl-4:00 p.m.**

**AĠENZIJA LESA – PASSI KONTRA ENFORCEMENT OFFICERS**

**9287. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk jittiħdux passi kontra Enforcement Officers tal-LESA li jirriżulta lil min iħarrku jiġix eżonerat jew mill-petizzjoni jew mit-tribunal?

29/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-uffiċjali tal-LESA jkunu mħeġġa sabiex iwettqu dmirhom skont il-liġijiet, u r-regolamenti li joħorġu anke mill-istess Aġenzija. L-Aġenzija tirrispetta d-deċiżjonijiet meħuda mit-tribunal u mill-bord tal-petizzjonijiet, mingħajr indħil. Fejn jinħass il-bżonn li l-Aġenzija tappella minn xi deċiżjoni meħuda, dejjem taddotta l-proċeduri tal-Qrati ta' Malta.

Seduta 137
21/06/2023

**ĠNIEN L-GĦARUSA TAL-MOSTA – LATRINA PUBBLIKA**

**9288. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8575 u 8576, li oriġinarjament saru lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża rispettivament, u jgħid jekk hemmx pjanijiet li ssir latrina pubblika fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta?

29/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Mosta li dan il-Ġnien ġie devolut lill-Kunsill ftit tal-jiem ilu u li dwaru hemm pjani li ssir latrina pubblika fost xogħlijiet oħrajn anċillari relatati.

Seduta 137
21/06/2023

**SMALL NATIONS GAMES – SPIŻA TAĊ-ĊERIMONJA TAL-FTUĦ**

**9289. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm swiet jew kemm huwa mistenni li tiġi tiswa flus iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-iSmall Nations Games tat-28 ta' Mejju 2023 u kemm hu mistenni jintefaq fuq dik tal-għeluq?

29/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 8601.

Seduta 137
21/06/2023

**SMALL NATIONS GAMES – ĦLAS GĦAL XOGĦOL LILL-KUNTRATTURI**

**9290. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jelenka kull ħlas li sar jew hu mistenni jsir lil kull kuntrattur li ngħata/rebaħ sejħa għall-offerti għal xi xogħol marbut mal-iSmall Nations Games? Jista' jgħid f'kull każ:
a) id-data meta ntrebaħ/ingħata l-kuntratt;
b) jekk kienx direct order; u
ċ) isem il-kuntrattur?

29/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.
Seduta 137
21/06/2023

**DG TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA – ĊIRKOLARI DWAR ĦLASIJIET LILL-ESPERTI**

**9291. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda kopja taċ-ċirkolari/memo/direttiva li d-DG tal-Qrati tal-Ġustizzja ħarġet fl-aħħar xhur dwar ħlasijiet lill-esperti nominati minn Maġistrati Inkwirenti (dik li titkellem dwar 75% ħlas)?

29/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aġenzija ma ħarġet l-ebda tip ta' ċirkolari/memo/direttiva f'dan ir-rigward.

Seduta 137
21/06/2023

**QORTI TAL-APPELL/QORTI KOSTITUZZJONALI - ASSISTENTA ĠUDIZZJARJA JEW COURT ATTORNEY**

**9489. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, hijiex taqdi doveri bħala Assistenta Ġudizzjarja jew Court Attorney fil-Qorti tal-Appell jew fil-Qorti Kostituzzjonali?

02/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern ma jżomm ebda rekord dwar min huma l-qraba tal-impjegati tas-Servizz Pubbliku u tal-entitajiet, u ma jkunx qed jagħmel sew jekk jagħmel hekk.

L-Assistenti Ġudizzjarji u l-Court Attorneys jaħdmu taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tal-Ġudikanti u jirrispondu lilhom. Kif ma jidħolx il-Ministeru għall-Ġustizzja fl-assenjazzjoni tad-dmirijiet ta' dawn, lanqas ma għandu, bir-rispett kollu lejħ, jidħol l-Onor. Membru Interpellant.

Lil hinn minn dan kollu m'iniex dispost li nwieġeb fuq familjari t'ebda mid-diversi Avukati Ġenerali li servew lill-Istat Malti f'dawn l-aħħar żminijiet, uħud minnhom ukoll għal għaxar snin jew iżjed, u f'diversi perjodi taħt amministrazzjonijiet varji. Ħadt m'għandu jkun soġġett għal kwalunkwe forma ta' diskussjoni politika abbażi tal-fatt li huwa qarib ta' persuna jew persuni li jkunu servew lill-Istat Malti.

Seduta 137
21/06/2023

**MALTA INTERNATIONAL CONTEMPORARY ART SPACE - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9527. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Malta International Contemporary Art Space u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 137
21/06/2023

**MALTA LIBRARIES COUNCIL - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9528. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Malta Libraries Council u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 137
21/06/2023

**MALTA PHILHARMONIC ORCHESTRA BOARD - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9529. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill -Malta Philharmonic Orchestra Board u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 137
21/06/2023

**MALTA SOCIETY FOR ARTS, MANUFACTURE AND COMMERCE BOARD - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9530. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-persuna li d-dettalji tagħha qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħha biex tiffprma parti mill-Malta Society for Arts, Manufacture and Commerce Board u jgħid ukoll jekk hijiex qed tattendi fil-kapaċità personali tagħha jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lilha?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 137
21/06/2023

**MANOEL THEATRE MANAGEMENT COMMITTEE - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9531. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Manoel Theatre Management Committee u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?
05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 137
21/06/2023

**MEMBRUS OF THE CREATIVITY TRUST BOARD - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9532. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Membrus of the Creativity Trust Board u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - PERSUNI LI GĦANDHOM DISTURBANCE ALLOWANCE**

**9583. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom disturbance allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9573, ninformah li ma hemmx persuni li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, li huma parti jew jaħdmu mas-Segretarjat.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - PERSUNI LI GĦANDHOM DISTURBANCE ALLOWANCE**

**9584. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom disturbance allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9573, ninfurmah li ma hemm ħadd li hu intitolat għall-benefiċċju msemmi, bħala parti mill-kuntratt tagħhom, li huma parti jew jaħdmu mas-Segretarjat.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - PERSUNI LI GĦANDHOM DISTURBANCE ALLOWANCE**

**9585. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom disturbance allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9573, ninfurmah li fis-Segretarjat ma hemm ħadd li jieħu xi tip ta' disturbance allowance.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - PERSUNI LI GĦANDHOM DISTURBANCE ALLOWANCE**

**9586. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid fil-Ministeru mmexxi minnha, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom disturbance allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9573, ninformah li m'hemm l-ebda persuna li hija intitolata għall-benefiċċju msemmi, bħala parti mill-kuntratt tagħha, għax hija parti jew taħdem mas-Segretarjat.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - PERSUNI LI GĦANDHOM DISTURBANCE ALLOWANCE**

**9587. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom disturbance allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9573, ninformah li m'hemm ebda persuna li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti mill-kuntratt tagħhom, għax huma parti jew jaħdmu mas-Segretarjat.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - PERSUNI LI GĦANDHOM DISTURBANCE ALLOWANCE**

**9588. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom disturbance allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9573, ninformah li m'hemm l-ebda persuna li hu intitolat għall-benefiċċju msemmi bħala parti mill-kuntratt tagħhom, għax huma parti jew jaħdmu mas-Segretarjat.

Seduta 137
21/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – DĦUL TAL-PJANTI U XOGĦOL TA' SURVEYS**

**9670. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul tal-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA minn bejgħ ta' pjanti u xogħol ta' surveys, sena b'sena, mill-2013 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dħul tal-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA minn 'bejgħ ta' pjanti u xogħol ta' surveys' mill-2013 sa Marzu 2023 huwa kif indikat fit-tabella t'hawn taħt.

| **Sena** | **Valur €** |
|---|---|
| 2013 | 223,034 |
| 2014 | 229,156 |
| 2015 | 178,642 |
| 2016 | 218,962 |
| 2017 | 363,674 |
| 2018 | 294,529 |
| 2019 | 129,097 |
| 2020 | 97,795 |
| 2021 | 199,158 |
| 2022 | 160,970 |
| 2023 (sa Marzu) | 36,058 |

Seduta 137
21/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – DĦUL - MULTI**

**9671. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul tal-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA minn multi, sena b'sena, mill-2013 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid kif ġew utilizzati dawn il-flus?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif se jingħata f'seduta oħra.

Seduta 137
21/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – DĦUL – ENVIRONMENTAL INITIATIVES IN PARTNERSHIP PROGRAMME**

**9672. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul tal-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA mill-'Environmental Initiatives in Partnership Programme', sena b'sena, mill-2016 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid kif ġew utilizzati dawn il-flus?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9665.

Seduta 137
21/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – DĦUL MINN COMPLIANCE CERTIFICATES**

**9673. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul tal-Awtorita tal-Ippjanar/MEPA minn 'Compliance Certificates', sena b'sena, mill-2013 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' l-Ministru jgħid kif ġew utilizzati dawn il-flus?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dħul tal-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA minn 'Compliance Certificates' mill-2013 sa Marzu 2023 huwa kif indikat fit-tabella t'hawn taħt. Dawn il-flus jiġu utilizzati għall-operat tal-Awtorità.

| Sena | Valur € |
|---|---|
| 2013 | 391,862 |
| 2014 | 386,127 |
| 2015 | 427,744 |
| 2016 | 491,876 |
| 2017 | 521,500 |
| 2018 | 563,160 |
| 2019 | 654,120 |
| 2020 | 662,280 |
| 2021 | 720,120 |
| 2022 | 691,140 |
| 2023 (sa Marzu) | 166,920 |

Seduta 137
21/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – DĦUL MINN MINOR AMENDMENT FEES**

**9674. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul tal-Awtorita tal-Ippjanar/MEPA minn 'Minor Amendment Fees', sena b'sena, mill-2013 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' l-Ministru jgħid kif ġew utilizzati dawn il-flus?
05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dħul tal-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA minn 'Minor Amendment Fees' mill-2013 sa Marzu 2023 huwa kif indikat fit-tabella t'hawn taħt. Dawn il-flus jiġu utilizzati għall-operat tal-istess Awtorità.

| Sena | Valur € |
|---|---|
| 2013 | 212,470 |
| 2014 | 209,375 |
| 2015 | 196,500 |
| 2016 | 237,125 |
| 2017 | 288,400 |
| 2018 | 339,650 |
| 2019 | 409,245 |
| 2020 | 455,100 |
| 2021 | 529,500 |
| 2022 | 503,100 |
| 2023 (sa Marzu) | 132,000 |

Seduta 137
21/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – OUT OF COURTS SETTLEMENTS**

**9675. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista’ l-Ministru jgħid jekk kienx hemm 'out of court settlements' imħallsa mill-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA lil terzi, sena b'sena, mill-2013 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? X'kien l-ammont ta' dawn l-'out of court settlements', għal liema raġuni tħallsu dawn l-'out of court settlements' u lil min tħallsu?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif se jingħata f’seduta oħra.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – KAROZZI LEASED/MIKRIJA**

**9749. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm vetturi ġew leased/mikrija mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Meta ġew leased/mikrija, mingħand min, kemm jiswew kull sena u min jużahom?

06/06/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Filwaqt li ninforma lill-Onor. Interpellant biex jireferri għall-mistoqsijiet parlamentari numri 6209 u 6228, infurmat li San Vinċenz de Paul jikri vann wieħed li jintuża mis-sewwieqa tal-faċilità biex jinġarru ċilindri tal-ossiġnu, provvisti għas-swali eċċ. Il-vann jinkera minn Godwin’s Garage wara li saret sejħa għall-offerti u din is-sena ntefqu €8,250. Kif ukoll l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità tikri 9 vetturi kuljum għas-servizz tas-Silver-T. Dawn huma maqsuma, 7 għas-servizz ġewwa Malta u 2 għas-servizz ġewwa Għawdex. Il-vetturi ta’ Malta jinkrew €10.62 kuljum, filwaqt li ta’ Ghawdex jinkrew €12.00 kuljum. Il-vetturi kollha jinkrew mingħand Altour Co. Ltd. Il-bqija tad-dekasteru m’għandhomx vetturi leased.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – KAROZZI LEASED/MIKRIJA**

**9750. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm vetturi ġew leased/mikrija mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha? Meta ġew leased/mikrija, mingħand min, kemm jiswew kull sena u min jużahom?

06/06/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6218 u għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6199, tlabt biex jinġabar il-kumplament tal-informazzjoni.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – KAROZZI LEASED/MIKRIJA**

**9751. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm vetturi ġew leased/mikrija mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Meta ġew leased/mikrija, mingħand min, kemm jiswew kull sena u min jużahom?

06/06/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-unika vettura mikrija f'dan id-dekasteru hi dik imsemmija fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 6194.

Seduta 137
21/06/2023

**BORD TAL-APPELLI DWAR L-IMMIGRAZZJONI – MEMBRI**

**9766. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9343, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ġustizzja, u jgħid min huma l-persuni li nħatru membri tat-tliet Diviżjonijiet tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni? Jista' jagħti lista tal-irwoli u/jew ħatriet oħra li għandhom dawn il-membri mas-Servizz Pubbliku jew ma' xi entitajiet pubbliċi?

06/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-lista tal-persuni li nħatru membri tat-tliet Diviżjonijiet tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni huma kif indikat fit-tabella t'hawn taħt:

| **Immigration Appeals Board Div I (Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni)** | |
|---|---|
| Avv. Scerri Ferrante Juliana | Chairperson |
| Dr. Martha Mifsud | Member |
| Dr. Mario Mifsud | Member |
| Dr. Ilona Schembri | Secretary |
| **Immigration Appeals Board - Div 2** | |
| Dr. Maria Cardona | Chairperson |
| Dr. Gaynor Saliba | Member |
| Dr. Alexander Scerri Herrera | Member |
| Ms. Valentina Cassar | Secretary |
| **Immigration Appeals Board - Div 3** | |
| Dr. Matthew Xuereb | Chairperson |
| Dr Joey Reno Vella | Member |
| Dr Daniel Attard | Member |
| Mr. Duncan Genuis | Secretary |

**Substitute Member for Divisions (Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni)**
Mr. Peter Paul Caruana Member

Seduta 137
21/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – DEĊIŻJONI TAL-QORTI LI TIDDIKJARA APPLIKAZZJONI ĦAŻINA**

**9767. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-pożizzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar meta jkun hemm sentenza tal-qorti li tgħid li l-applikazzjoni kienet waħda ħażina u kontra l-liġi iżda l-bini jkun laħaq tela'? Jista' jikkonferma li skont it-Taqsima IX tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 552) l-Awtorità tista' titlob li dan jitwaqqa'?

06/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif se jingħata f'seduta oħra.

Seduta 137
21/06/2023

**CPD – POLZA TA' ASSIKURAZZJONI**

**9792. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk teżistix xi polza ta' assikurazzjoni jew kopertura oħra simili biex tkopri lill-membri tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili (CPD) kontra kull eventwalità jekk huma jagħtu l-ewwel għajnuna lil persuni oħrajn barra l-ħin tax-xogħol tagħhom?

08/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li kull membru fil-forza tal-Protezzjoni Ċivili huwa meqjus attiv f'kull jum tas-sena.
Infurmat ukoll li għaldaqstant, skont l-evalwazzjoni tal-professjonisti, tista' tkopri tali eventwalità l-iskema li kien daħħal dan il-Gvern ta' Benefiċċji għal Aċċidenti Personali fuq ix-Xogħol u li din tkopri lill-korpi dixxipplinati kollha.

Seduta 137
21/06/2023

**AFM - POLZA TA' ASSIKURAZZJONI**

**9793. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk teżistix xi polza ta' assikurazzjoni jew kopertura oħra simili biex tkopri lill-membri tal-Armata kontra kull eventwalità jekk huma jagħtu l-ewwel għajnuna lil persuni oħrajn waqt il-qadi ta' dmirijiethom?

08/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi dan kien il-Gvern li daħħal fis-seħħ l-iskema ta' Benefiċċji għal Aċċidenti Personali fuq ix-Xogħol u li din tkopri lill-korpi dixxiplinati kollha.
Infurmat ukoll li fil-Forzi Armati ta' Malta teżisti polza ta' assigurazzjoni li hija dik tal-Occupational Accident Benefit Scheme.

Seduta 137
21/06/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - POLZA TA' ASSIKURAZZJONI**

**9794. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk teżistix xi polza ta' assikurazzjoni jew kopertura oħra simili biex tkopri lill-uffiċjali tal-Pulizija kontra kull eventwalità jekk huma jagħtu l-ewwel għajnuna lil persuni oħrajn barra l-ħin tax-xogħol tagħhom?

08/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi skont l-Att dwar il-Pulizija, Kap. 164, kull uffiċjal tal-pulizija għandu jitqies li jkun uffiċjal tal-pulizija fil-ħinijiet kollha u għandu jiddedika ħin kollu għas-servizz tal-Korp, u allura f'każ ta' korriment japplikaw il-provedimenti relatati fl-istess leġiżlazzjoni.
Għaldaqstant, skont l-evalwazzjoni tal-professjonisti, tista' tkopri tali eventwalità l-iskema li kien daħħal dan il-Gvern ta' Benefiċċji għal Aċċidenti Personali fuq ix-Xogħol u li din tkopri lill-korpi dixxiplinati kollha.

Seduta 137
21/06/2023

**SERVIZZ PUBBLIKU – POLZA TA' ASSIKURAZZJONI**

**9795. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk teżistix xi polza ta' assikurazzjoni jew kopertura oħra simili biex tkopri lill-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku kontra kull eventwalità jekk huma jagħtu l-ewwel għajnuna lil persuni oħrajn waqt il-ħin tax-xogħol fis-Servizz Pubbliku?
08/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-uffiċjali pubbliċi li jagħtu l-ewwel għajnuna lil persuni oħra waqt il-ħin tax-xogħol huma koperti mill-providementi legali fis-seħħ minn żmien għal żmien b'mod partikolari bl-aħħar emenda legali magħrufa bħala the "Good Samaritans Acts".

Seduta 137
21/06/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – RWOL TA' INDIVIDWU**

**9796. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk l-individwu, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, huwiex membru fuq bord li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru/Segretarju Parlamentari? Jekk iva, liema hu l-bord, x'inhu r-rwol ta' dan l-individwu, x'inhuma l-kwalifiki li għandu biex ikun fuq il-bord imsemmi u kemm qed jitħallas fis-sena biex ikun fuq dan il-bord?

08/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-individwu, li d-dettalji dwaru ngħataw separatament ma huwa membru tal-ebda bord li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Seduta 137
21/06/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI - RWOL TA' INDIVIDWU**

**9797. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament huwiex membru fuq bord li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru/Segretarju Parlamentari? Jekk iva, liema hu l-bord, x'inhu r-rwol ta' dan l-individwu, x'inhuma l-kwalifiki li għandu biex ikun fuq il-bord imsemmi u kemm qed jitħallas fis-sena biex ikun fuq dan il-bord?

08/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-individwu, li d-dettalji dwaru ngħataw separatament ma huwa membru tal-ebda bord li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

Seduta 137
21/06/2023

**BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ - FTEHIM MILĦUQ RIGWARD IL-CARAVANS**

**9892. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, kopja tal-ftehim/by-law milħuq mal-kunsilli lokali fuq il-caravans ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq?

08/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsultazzjonijiet mal-Kunsilli Lokali kkonċernati dwar din il-materja qegħdin fi stadju avvanzat.

Kwalunkwe leġiżlazzjoni sussegwenti tiġi naturalment resa pubblika mal-pubblikazzjoni.

Seduta 137
21/06/2023

**BORD GĦAT-TNAQQIS TAS-SENTENZI TAĦT L-ATT DWAR L-ĠUSTIZZJA RIPARATRIĊI, KAP 516**

**9931. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid minn min hu kompost illum il-Bord għat-Tnaqqis tas-Sentenzi taħt l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi, Kap 516?

08/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Bord għat-Tnaqqis tas-Sentenzi taħt l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi huwa kompost minn:
1. Dr Henry Antoncich L.P. LL.D. - Chairman
2. Dr Charlie Azzopardi B.Psy (Hons), M.Sc (Uol), Doct. Sys. Psych (UEL). - Membru
3. Sarah Camilleri - Membru
Barra minn hekk, il-Bord huwa kompost ukoll minn Rappreżentant tal-Correctional Services Agency.

Seduta 137
21/06/2023

**PERSUNI LI APPLIKAW GĦALL-GĦAJNUNA SOĊJALI**

**9932. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni applikaw biex jibbenefikaw mill-għajnuna soċjali matul is-sena 2022 u jista' jindika wkoll kemm ma baqgħux jirċievu dan il-benefiċċju u kemm kienu li qegħdin jirċevuh?

08/06/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, illi matul is-sena 2022 daħlu 2,653 applikazzjonijiet għall-Għajnuna Soċjali.

Minn dan l-ammont kien hemm 2,140 li tħallsu.

Mill-ammont ta' 2,140 li tħallsu kien hemm 1554 li ma baqgħux jieħdu dan il-benefiċċju għal raġunijiet varji, fosthom bidu ta' mpjieg jew ma' baqgħux jissodisfaw il-kriterji kif elenkati fil-Liġi tas-Sigurta Soċjali Kap 318.

Seduta 137
21/06/2023

**SKRIVANI TAL-PAROLE**

**9933. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm fil-preżent Skrivani tal-Parole ai termini tal-Kapitolu 516 dwar il-Ġustizzja Riparatriċi, Kap. 516?

08/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi hemm Skrivan tal-Parole anzjan.

Seduta 137
21/06/2023

**ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA, KAP. 291 - PETIZZJONIJIET**

**9934. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm tressqu petizzjonijiet taħt is-sistema kif stabbilita fl-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kap 291 matul is-sena 2022, kemm minnhom ġew aċċettati u kemm minnhom ġew rifjutati?

08/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 137
21/06/2023

**TRIBUNAL INDUSTRIJALI - KAŻIJIET**

**9935. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali sal-aħħar ta' Mejju 2023, kemm kien hemm każijiet ġodda li daħlu fis-sena 2022 u kemm ġew deċiżi sal-aħħar tal-2022 u kemm huma l-iktar każijiet li ilhom pendenti?

08/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 137
21/06/2023

**TCNS**

**9936. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm Third Country Nationals reġistrati li qegħdin jaħdmu uffiċjalment f'pajjiżna sal-aħħar tas-sena 2022 u kemm kien hemm li qegħdin jirreġistraw?

08/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kien hemm 36 Third Country Nationals jirreġistraw fuq l-ewwel u tieni parti tar-reġistru sal-aħħar ta' Diċembru 2022.
Rigward in-numru ta Third Country Nationals jaħdmu uffiċjalment f'pajjizna, nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 9781.

Seduta 137
21/06/2023

**SIDIEN TA' ART**

**9994. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għall-porzjon ta' art indikata bl-aħmar fuq il-pjanta li qed tintbagħat separatament, jista' l-Ministru jispeċifika min huma s-sidien ta' din l-art (inkluż jekk hemmx proprjetà tal-Gvern) u jgħid liema porzjon ta' art hija proprjetà tas-sidien rispettivi?

12/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 137
21/06/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – SENTENZA TAL-QORTI TAL-APPELL FIL-KAWŻA KONTRA L-KUNSILL LOKALI GŻIRA**

**9995. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell bejn il-Kunsill Lokali tal-Gżira u l-Awtorità tal-Artijiet preseduta mill-Imħallef Lawrence Mintoff fis-26 ta' April 2023 fejn fix-xhieda tiegħu l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet qal illi d-deċiżjoni biex tittieħed lura parti mill-ġnien devolut lill-Kunsill Lokali Gżira kienet ittieħdet mill-Bord u l-Kap Eżekuttiv ta' qablu, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-minuti tal-Bord tal-Gvernaturi li juru meta u min kien ħa din id-deċiżjoni?

12/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.
Seduta 137
21/06/2023
**AFM – CALL LOGS**

**9996. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqija parlamentari 9342, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-call logs tat-23 u l-24 ta' Mejju bejn Alarm Phone u r-Rescue Coordination Centre tal-Forzi Armati ta' Malta (AFM)?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li minħabba raġunijiet operattivi, li jistgħu jinkludu sigurtà nazzjonali, infurzar tal-liġi, relazzjonijiet internazzjonali jew is-sigurtà tal-uffiċjali tagħha, mhux il-prassi tal-FAM li tikkonferma jew tiċħad l-eżistenza ta' tali informazzjoni, jew li tipprovdi l-istess.

Seduta 137
21/06/2023

**MFSA – PENALITAJIET IMPOSTI**

**9997. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid mill-bidu ta' din is-sena, xahar b'xahar, jekk ġewx imposti penalitajiet finanzjarji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) da parti tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA)? Jekk ġew imposti xi penalitajiet, jista' f'kull każ jgħid:
a. kemm kien l-ammont tal-penali imposti;
b. jekk deċiżjoni tal-MFSA fejn imponiet il-penali, ġietx appellata; u
ċ. jekk fil-konfront tal-istess deċiżjoni sarx rikors kostituzzjonali minħabba allegazzjoni li d-deċiżjoni meħuda kienet bi ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-artikolu 6(1) tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR)?
12/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 137
21/06/2023

**TFAL FIL-LISTA TA' STENNIJA GĦAL EDUCATIONAL PSYCHOLOGIST**

**10016. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ilhom jistennew it-tfal li l-iktar ilhom fil-lista ta' stennija għal educational psychologist?
12/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 137
21/06/2023

**KORP TAL-PULIZIJA – TAQSIMA TAT-TRAFFIKU – PULIZIJA**

**10017. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pulizija tat-traffiku (li huma attivi u mhux sospiżi) fit-Taqsima tat-Traffiku fi ħdan il-Korp tal-Pulizija?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari li għamlet hija stess.
Seduta 137
21/06/2023

**KORP TAL-PULIZIJA – TAQSIMA TAT-TRAFFIKU – PULIZIJA SOSPIŻI**

**10018. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pulizija tat-traffiku sospiżi fit-Taqsima tat-Traffiku fi ħdan il-Korp tal-Pulzija?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari li għamlet hija stess.

Seduta 137
21/06/2023

**FSWS – KONFERENZA F'GĦELUQ IL-25 SENA - NEFQA**

**10019. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġiet tiswa l-konferenza tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS) f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tagħha?

12/06/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 137
21/06/2023

**FSWS – BREAK DOWN TAN-NEFQA LI SARET FUQ IL-KONFERENZA F'GĦELUQ IL-25 SENA**

**10020. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti break down tan-nefqa kollha li saret fuq il-konferenza tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS) f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tagħha?

12/06/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 137
21/06/2023

**FSWS – KONFERENZA BĦALA FOUDNATION DAY**

**10021. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm isiru konferenzi bħala Foundation Day fis-sena fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS)?

12/06/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li, mill-informazzjoni disponibbli u vverifikata internament jirriżulta li l-Foundation Day kienet issir darba fis-sena bejn is-snin 2004 – 2008, u twaqqfet fis-sena 2009.

Matul dawk il-ħames (5) snin, din l-attività għall-impjegati kollha kienet issir ukoll fl-istess lukanda li fiha saret il-Foundation Day fis-17 ta' Marzu, 2023.

Seduta 137
21/06/2023

**ĊENTRU TAL-UNIVERSITÀ - IX-XEWKIJA – XOGĦLIJIET FUQ L-ESTENSJONI**

**10032. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4372, 6381, 7410 u 9266 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2543 dwar ix-xogħlijiet fuq l-estensjoni taċ-Ċentru tal-Università fix-Xewkija, Għawdex, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija kollha kemm hi (intiera) u jgħid din l-estensjoni meta hu maħsub li tkun lesta minn kollox u tibda tintuża? Jista' jgħid ukoll meta nbeda x-xogħol fuqha?
12/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 137
21/06/2023

**KEMMUNA – MASTER PLAN**

**10034. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-Master Plan ta' Kemmuna u jgħid ukoll meta nbeda (sena u xahar) u meta hu ppjanat li jiġi konkluż? Jista' jgħid fil-konkret x'sar matul is-sena 2022 u fl-ewwel ħames xhur tas-sena 2023 dwar dan il-Master Plan u kemm intefqu flus matul is-sena 2022 u fl-ewwel ħames xhur tas-sena 2023 u għal xiex intefqu?

12/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-diskussjonijiet fir-rigward ta' Kemmuna jsiru minn żmien għal żmien anke flimkien mal-Ministeri rispettivi. Sa issa ma ġie sottomess ebda masterplan imsemmi mal-awtoritajiet.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – SEJĦA PUBBLIKA TA' HEADSHIP POSITIONS**

**10035. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid meta hu maħsub, bejn wieħed u ieħor, li tinħareġ is-sejħa pubblika ta' 'Headship Positions' (DGs u Diretturi) fi' ħdan il-Ministeru għal Għawdex, peress li ħafna minn dawn il-'Headship Positions' fil-ġimgħat li ġejjin jiskadi t-terminu tagħhom? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx ħsieb li fil-futur qarib jinħolqu karigi ġodda ta' 'Headship Positions' (DGs u Diretturi) fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u jekk iva, liema se jkunu?

12/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat illi għadha kif inħarġet sejħa għal headship positions li tkopri 14-il Ministeru u madwar 70 pożizzjoni. Hekk kif jingħalaq dan il-proċess tinħareġ sejħa oħra skont pjanijiet li jiġu diskussi u approvati u skont esiġenzi tas-servizz. Dan huwa proċess kontinwu li jsir diversi drabi matul is-sena.

Seduta 137
21/06/2023

**GĦAWDEX – TRIQ TAL-LANTERNA L/O GĦASRI - XOGĦLIJIET**

**10036. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3808 li ngħatat fit-22 ta' Novembru 2022 dwar Triq tal-Lanterna, limiti tal-Għasri fejn ix-xogħol fuqha beda lejn l-aħħar tas-sena 2020, fejn kien ġie mwieġeb li "x-xogħlijiet mistennija jkunu lesti lejn il-bidu tas-sena d-dieħla", u għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7571 li ngħatat fid-29 ta' Marzu 2023 fejn kien ġie imwieġeb li "x-xogħol fuq din it-triq għadu għaddej b'reviżjoni riċenti tal-pjanti u d-disinni tal-istruttura li tinkludi piling u li ġew ibbażati fuq studji ġeotekniċi li saru fis-sit, dawn ix-xogħlijiet fuq it-triq mistennija jkomplu fil-ġimgħat li ġejjin", jista' l-Ministru jgħid għala f'dawn l-aħħar ġimgħat u xhur ma tkompla ebda xogħol infrastrutturali u ma kienx hemm makkinarju u ħaddiema f'din it-triq? Jista' jgħid jekk din it-triq hijiex miftuħa u sigura għall-pubbliku u għall-vetturi li qed jgħaddu minnha? Jista' jgħid ukoll kemm ġew jiswew s'issa x-xogħlijiet fuq din l-imsemmija triq?

12/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pjanti reviżjonati u d-disinni reviżjonati tal-istruttura li ġew sottomessi lill-Ministeru għal Għawdex ġew analizzati mill-perit tal-Gvern flimkien mal-istess perit tal-kuntrattur li ħarġu bil-pjanti u bid-disinn tal-istrutturi, u mal-perit tal-kuntrattur inkarigat mix-xogħlijiet. Intalbu xi emendi żgħar u ġie stabbilit il-pjan ta' ħidma.

Ix-xogħlijiet mistennija jibdew lejn l-aħħar ta' Lulju. Il-karozzi jistgħu jaslu sa fejn il-parking ta' fuq u l-bqija huwa passaġġ bir-riġel. Il-kontijiet marbuta ma' dawn ix-xogħlijiet għadhom qed jinġabru.

Seduta 137
21/06/2023

**MALTA, GĦAWDEX U KEMMUNA – APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-ĦRUĠ TA' LIĊENZJI GĦAL KIRI TA' UMBRELEL U/JEW DECKCHAIRS**

**10037. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid, sena b' sena f dawn l-aħħar għaxar snin, kemm kien hemm applikazzjonijiet ġodda minn operaturi u kemm ingħataw permessi u fejn mill-Awtorità tal-Artijiet ġewwa Malta, Għawdex u Kemmuna għal-liċenzja biex jikru umbrelel u/jew deckchairs fuq jew ħdejn il-bajjiet? Jista jgħid kemm minn dawn ġew milqugħin jew inkella rifjutati? Jista' jgħid ukoll fil-preżent kemm hemm talbiet pendenti? Globalment kemm hemm operaturi li għandhom il-permessi mill-Awtorità tal-Artijiet ġewwa Malta, Għawdex u Kemmuna u fejn jinsabu għal-liċenzja biex jikru umbrelel u/jew deckchairs fuq jew ħdejn il-bajjiet?

12/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 137
21/06/2023

**PERSUNA LI GĦANDHA ĊITTADINANZA MALTIJA**

**10055. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jikkonferma illi l-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, li kienet iffirmat memorandum of understanding għan-nom tal-kumpanija, li d-dettalji dwarha wkoll qed jintbagħtu separatament ukoll, għandhiex ċittadinanza Maltija? Jekk fl-affermattiv, jista' jikkonferma li sabiex hija ngħatat iċ-ċittadinanza Maltija ħallset dak kollu dovut lill-Istat Malti sabiex akkwistat tali ċittadinanza u ma kien hemm ebda 'waiver' ta' tariffi, obbligazzjonijiet u ħlasijiet dovuti?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-persuna msemmija fil-Mistoqsija Parlamentari hija Ċittadin Malti kif ukoll li tħallsu d-drittijiet dovuti bħal kull applikazzjoni oħra.

Seduta 137
21/06/2023

**SEARCH AND RESCUE AREA TA' MALTA – TALBIET GĦAL GĦAJNUNA**

**10056. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet għal għajnuna fis-Search and Rescue Area ta' Malta mill-1 ta Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi fil-perjodu msemmi kien hemm disgħa u sittin (69) notifika fiż-żona ta' tiftix u salvataġġ ta' Malta. Dawn jinkludu każijiet ta' għawwiema, tfittxija għal persuni nieqsa, bastimenti inkluż tas-sajd, rapporti ta' flares, rapporti ta' immigrazzjoni irregolari u anke rapporti li rriżultaw foloz.

Seduta 137
21/06/2023
**RAPPORTI TA' VJOLENZA DOMESTIKA**

**10057. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' vjolenza domestika mill-1 ta Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmati illi mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Mejju 2023 il-Pulizija rċeviet seba' mija u tmienja u disgħin (798) rapport ta' vjolenza domestika.

Seduta 137
21/06/2023

**PERSUNI LI TRESSQU L-QORTI AKKUŻATI BI TRAFFIKAR TA' DROGA**

**10058. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li tressqu l-Qorti mill-Pulizija ta' Malta akkużati bi traffikar tad-droga, mill-1 ta Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fil-perjodu ta' bejn Jannar 2023 u l-31 ta' Mejju 2023, il-Pulizija ressqet disgħa u għoxrin persuna l-Qorti, fuq akkużi ta' traffikar ta' droga.

Seduta 137
21/06/2023

**INVESTIGAZZJONIJIET DWAR ALLEGAZZJONIJIET TA' FRAME-UP**

**10061. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk inbdewx investigazzjonijiet mill-pulizija dwar jekk jeżistix każ ta' frame-up tal-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament? Jekk fl-affermattiv, jista' l-Ministru jgħid jekk jirriżultalux minn fejn oriġina dan il-pjan ta' frame-up u min hemm warajh?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministru ma jkunx infurmat bl-investigazzjonijiet tal-Pulizija.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**10088. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8905 u 9330 u jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

13/06/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif qed tkun preżentata fi tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 137
21/06/2023

**KUMPANIJI LI ĠEW STRUCK OFF**

**10089. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9333 u jgħid kemm kumpaniji ġew struck off u kemm tpoġġew għal-liquidation, xahar b'xahar mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

13/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba dwar kumpaniji li ġew struck off b'mod volontarju, struck off bil-Qorti, struck off wara merger jew division jew struck off bid-defunct procedure, jinsabu hawn taħt:

| Sena | Kumpaniji Struck off |
|---|---|
| 2018 | 1,453 |
| 2019 | 3,102 |
| 2020 | 13,474 |
| 2021 | 7,740 |
| 2022 | 2,974 |
| Jan-Ġunju 2023 | 1,422 |

L-informazzjoni mitluba dwar kumpaniji li tpoġġew għal-liquidation, jinsabu hawn taħt:

| Sena | Kumpaniji għal-liquidation |
|---|---|
| 2018 | 1,662 |
| 2019 | 1,944 |
| 2020 | 2,296 |
| 2021 | 2,108 |
| 2022 | 1,740 |
| Jan-Ġunju 2023 | 857 |

Seduta 137
21/06/2023

**MBR - MULTI**

**10090. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9089 u jgħid kemm ħarġu multi l-Malta Business Registry, xahar b'xahar, mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u kemm tħallsu xahar b'xahar għall-istess perjodu?

13/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba kif ingħatat lili mill-MBR.

Seduta 137
21/06/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ IT-TRUNĊIERA – TALBA GĦAL ZEBRA CROSSING**

**10113. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9183 jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-applikazzjoni pendenti u s-site plan, għal zebra crossing ġdida fi Triq it-Trunċiera, qrib il-'perched beach'?

14/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 10112.

Seduta 137
21/06/2023

**PULIZIJA – DECIBEL METERS**

**10114. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9774 dwar decibel meters għall-użu tal-Pulizija, jista' l-Ministru jgħid jekk il-pulizija għandhomx apparat ieħor biex ikejlu l-istorbju?

14/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dan ix-xogħol isir minn entitajiet oħrajn u mhux mill-Korp tal-Pulizija.

Seduta 137
21/06/2023

**PULIZIJA – APPARAT BIEX JITKEJJEL L-ISTORBJU**

**10115. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jiġi kkunsdrat li jinxtara apparat biex jintuża mill-Pulizija sabiex ikunu jistgħu jkejlu l-istorbju?

14/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dan ix-xogħol isir minn entitajiet oħrajn u mhux mill-Korp tal-Pulizija.

Seduta 137
21/06/2023

**SKEJJEL PRIMARJI - LSES, GĦALLIEMA, ASSISTENTI KAPIJIET U KAPIJIET LI RRIŻENJAW**

**10135. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8996, 9385 u 9894 u jgħid kemm kien hemm LSEs, għalliema, assistenti kapijiet ta' skejjel u kapijiet ta' skejjel fil-livell primarju li rriżenjaw mill-impjieg tagħhom matul l-aħħar 12-il xahar, maqsuma għal kull kategorija?

15/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 137
21/06/2023

**SKEJJEL SEKONDARJI - LSES, GĦALLIEMA, ASSISTENTI KAPIJIET U KAPIJIET LI RRIŻENJAW**

**10136. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9176, 9386 u 9895 u jgħid kemm kien hemm LSEs, għalliema, assistenti kapijiet ta' skejjel, u kapijiet ta' skejjel fil-livell sekondarju li rriżenjaw mill-impjieg tagħhom, matul l-aħħar 12-il xahar, maqsuma għal kull kategorija?

15/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 137
21/06/2023

**ĊENTRI S.T.E.A.M.**

**10137. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9139, 9394 u 9896 u jgħid fejn jinsabu ċ-Ċentri S.T.E.A.M.? Kif titħaddem din is-sistema f'dawn iċ-ċentri? Kemm sar investiment f'dawn iċ-ċentri? Kemm sar investiment f'kull ċentru?

15/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 137
21/06/2023

**AMBAXXATUR TAL-ISTAT TA' IŻRAEL GĦAL MALTA – ITTRA TAL-KREDENZJALI**

**10141. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid jekk u meta se tkun qed tiġi ppreżentata l-ittra tal-kredenzjali lill-persuna indikata bħala Ambaxxatur tal-Istat ta' Iżrael għal Malta?

15/06/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Ambaxxatur tal-Istat ta' Iżrael ħa jkun qed jippreżenta l-ittra tal-kredenzjali tiegħu waqt ċerimonjatal-preżentazzjoni tal-kredenzjali ippjanata għall-11 ta' Lulju 2023 mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10172. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-lum?

15/06/2023

**ONOR. IAN BORG:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 10169 tas-Seduta 136.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTRU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10173. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-lum?
15/06/2023
**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 10169.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10174. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-lum?

15/06/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10169.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10175. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-lum?

15/06/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10169.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10176. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-lum?

15/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 10169.

Seduta 137
21/06/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10177. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha, għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-lum?

15/06/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10169.

Seduta 137
21/06/2023